

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 569/2008

tat-12 ta' Ġunju 2008

**li jemenda r-Regolament Nru 11 dwar l-abolizzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea**

L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

Ir-regoli Komunitarji meħtieġa skond l-Artikolu 75 tat-Trattat sabiex jiġu aboliti ċerti tipi ta' diskriminazzjoni, rigward it-trasport fuq l-art fi ħdan il-Komunità, kienu ġew stipulati fir-Regolament Nru 11 <sup>(2)</sup>. Sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq in-negozji, dak ir-Regolament għandu jiġi ssimplifikat billi jiġu eliminati r-rekwiżiti skaduti u mhux meħtieġa u, b'mod partikolari, ir-rekwiżit li tinżamm, fuq il-karta, ċerta informazzjoni li, bħala riżultat tal-progress tekniku, issa hi disponibbli fis-sistemi tal-kontabbiltà tat-trasportaturi,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament Nru 11 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 għandu jitħassar;

(2) l-Artikolu 6 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, għandhom jitħassru l-ħames u s-sitt inċiżi;

(b) fil-paragrafu 2, għandha titħassar it-tielet sentenza;

(c) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit bit-test segwenti:

“3. Fejn dokumenti eżistenti bħal noti tal-konsenja jew kwalunkwe dokument ieħor tat-trasport jagħtu d-dettalji kollha speċifikati fil-paragrafu 1 u, flimkien mas-sistemi tar-reġistrazzjoni u kontabbiltà tat-trasportaturi, jippermettu li ssir verifika sħiħa tar-rati u l-kondizzjonijiet tat-trasport, sabiex il-forom ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 75(1) tat-Trattat jistgħu b'hekk jiġu aboliti jew evitati, it-trasportaturi ma għandhomx ikunu meħtieġa jintroduċu dokumenti ġodda.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 12 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

A. VIZJAK

<sup>(1)</sup> ĠU C 175, 27.7.2007, p. 37.

<sup>(2)</sup> ĠU 52, 16.8.1960, p. 1121/60. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3626/84 (ĠU L 335, 22.12.1984, p. 4) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kap. 07, Vol. 001, p. 218).